31998R2808

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2808/98

tat-22 ta' Diċembru 1998

li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tas-sistema agrimonetarja għall-Ewro fl-agrikoltura

IL- KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi l-arranġamenti agrimonetarji għall-Ewro ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9,

Billi r-Regolament (KE) Nru 2799/98 jistabbilixxi arranġamenti agrimonetarji ġodda wara l-introduzzjoni ta' l-Ewro; billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1068/93 tat-30 ta' April 1993 dwar regoli dettaljati li jistabbilixxu u japplikaw ir-rati ta' konverżjoni agrikoli ([2]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 961/98 ([3]), u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 805/97 tat-2 ta' Mejju 1997 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar kumpens li huwa relatat ma' rivalwazzjonijiet apprezzabbli ([4]), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1425/98 ([5]), iridu jiġu emendati radikalment sabiex jikkonformaw mar-Regolament (KE) Nru 2799/98; billi, sabiex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti agrimonetarji il-ġodda, ir-Regolamenti in kwistjoni iridu jitneħħew u d-disposizzjonijiet rilevanti irdu jiġu inklużi f' Regolament ġdid;

Billi huwa neċessarju li jiġu stabbiliti avvenimenti operativi għar-rati ta' kambju applikabbli, minghajr preġudizzju għal ebda definizzjonijiet jew eżenzjonijiet speċifiċi li jinsabu fir-regoli għas-setturi konċernati fuq il-bażi tal-kriterji msemmija f' l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2799/98;

Billi għall-prezzijiet u ammonti kollha involuti fi transazzjonijiet ta' kummerċ l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tad-dwana tirrapreżenta avveniment operattiv xieraq; billi fil-każ ta' prezzijiet u ammonti marbuta ma' dawk il-prezzijiet l-għanijiet kummerċjali ta' operazzjonijiet ta' xiri u bejgħ jintlaħqu meta il-prodott jiġi mħallas jew meta jittieħed, u f'każ ta' operazzjonijiet ta' irtirar minn gruppi ta' produtturi, fl-ewwel jum taxxahar konċernat; billi, fil-każ ta' għajnuna mgħotija għal ċerta kwantità ta' prodott u b'mod partikolari meta l-għajnuna tingħata b'kundizzjoni relatata ma użu speċifiku ta' dak il-prodott, bħall-iproċessar, il-priservazjoni, l-ippakkjar jew il-konsum, l-għan kummerċjali jintlaħaq meta l-prodott jittieħed mill-operatur rilevanti, u fejn applikabbli, meta l-użu partikolari ta' dak il-prodott huwa garantit; billi, fil-każ ta' għajnuna għall-ħażna privata, il-prodotti m'għadhomx jinstabu fuq is-suq mill-ewwel ġurnata minn meta tingħata l-għajnuna;

Billi, fil-każ ta' għajnuna mogħtija għal kull ettaru, l-għanijiet kummerċjali jintlaħqu meta l-prodott jinħasad, normalment fil-bidu tas-sena ta' *marketing*; billi l-avveniment operattiv għall-għajnuna strutturali għandu jiġi stabbilit bħala l-1 ta' Jannar;

Billi, għal ammonti mhux marbutin mal-prezzijiet tas-suq ta' prodotti agrikoli, l-avveniment operattiv jista' jiġi stabbilit bħala data li għandha tiġi iffissata fuq il-bażi tal-perjodu meta ssehħ l-operazjoni; billi għandu jingħad li l-avveniment operattiv applikabbli għar-reġistrazzjoni ta' prezzijiet jew offerti fuq is-suq għandu jseħħ fil-jum meta l-prezzijiet jew offerti innifishom huma applikabbli; billi fil-każ ta' avvanzi u sigurtajiet, ir-rata ta' kambju għandha tkun viċina għal dik applikabbli għall-prezzijiet jew ammonti in kwestjoni fejn dan ikun magħruf fil-ħin meta l-avvanzi jew sigurtajiet jiġu mħallsa;

Billi r-Regolament (KE) Nru 2799/98 jippermetti lill-Istati Membri li jagħtu kumpens lill-bdiewa li jkunu soffrew l-effetti ta' rivalwazzjoni apprezzabbli jew tnaqqis attwali f'għajnuna diretta; billi dak ir-Regolament jippreskrivi ċerti kundizzjonijiet għall-għotja ta' kumpens u kif għandu jitqassam, u jindika il-metodu li għandu jintuża ssabiex jiġi determinat l-ammont massimu li jista' jiġi allokat minn Stat Membru; billi il-kumpens konċernat huwa parzjalment finanzjat mill-estmi tal-Komunità;

Billi huwa neċessarju li wieħed jiddefinixxi l-avveniment operattiv li jiddetermina r-rata ta' kambju li għandha tintuża biex taqleb ammonti f'Ewro għall-muniti nazzjonali ta' l-Istati Membri; billi, sabiex jiġi faċilitat l-immaniġġjar finanzjarju, iktar minn ħlas bin-nifs ta' kumpens wieħed annwali fl-istess sena ta' estmi għandu jiġi evitat; billi, sabiex wieħed iqis l-obbligazzjonijiet internazzjonali tal-Komunità Ewropea, u l-interessi tat-trasparenza amministrattiva, il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti mill-Istati Membri li jixtiequ jagħtu kumpens għandhom jiġu preskritti;

Billi, sabiex jilħaq l-għan tiegħu, il-kumpens għandu jingħata direttament lill-benefiċjarji, fil-prinċipju bdiewa, fi żmien perjodu fiss u għal ammonti li ma jaqbżux it-telf ta' dħul konċernat; billi, madanakollu, sabiex jiġu evitati kumplikazzjonijiet amministrattivi li jinqalgħu minħabba l-għotja ta' ammonti zgħar lill-benefiċjarji, proċeduri simplifikati jistgħu jintużaw f'ċerti każijiet;

([1]) Ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċċjali.
([2]) ĠU L 108, tal-1.5.1993, p. 106.
([3]) ĠU L 135, tat-8.5.1998, p. 5.
([4]) ĠU L 115, tat-3.5.1997, p. 13.
([5]) ĠU L 190, ta' l-4.7.1998, p. 16.

Billi il-miżuri previsti f'dan ir- Regolament huma skond l-opinjoni tal-kumitati ta' ġestjoni rilevanti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

Rata ta' kambju u avvenimenti operattivi

Artikolu 1

Ir-rata ta' kambju li għandha tintuża għandha tkun l-iktar rata riċenti iffissata mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) qabel l-avveniment operattiv.

Artikolu 2

L-avveniment operattiv għar-rata ta' kambju għal prezzijiet u amonti iffissati f' Ewro fil-leġislazjoni tal-Komunità u li għandu jiġi operat fin-negozju ma' pajjiżi terzi għandu jkun l-aċċettazjoni tad-dikjarazjoni tad-dwana.

Artikolu 3

1. Fir-rigward ta' prezzijiet, jew, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, ammonti marbutin ma' dawk il-prezzijiet,

— iffissati f' Eku fil-leġislazjoni tal-Komunità,

jew

— iffissati f' Ewro minn proċedura ta' offerti ta' xogħol,

l-avveniment operattiv għar-rata ta' kambju għandu jkun:

— fil-każ ta' xiri u bejgħ, it-teħid mix-xerrej tal-konsenja ta' prodotti konċernati jew it-trasferiment ta' l-ewwel pagament, skond liema jkun l-ewwel,

— fil-każ ta' l-irtirar ta' prodotti fis-setturi tal-frott, jew ħxejjex jew prodotti tas-sajd, l-ewwel ġurnata tax-xahar meta jseħħ l-irtirar.

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, fir-rigward ta' xiri minn aġenziji ta' intervent, teħid ifisser il-bidu tat-trasport fisiku tal-konsenja konċernata, u fejn m'hemm ebda moviment fisiku, l-aċċettazzjoni provisjorja ta' l-offerta tal-bejjiegħ.

2. Fir-rigward ta' għajnuna mogħtija skond il-kwantità ta' prodott impoġġi fuq is-suq jew skond il-kwantità tal-prodott li għandha tintuża b'mod speċifiku, l-avveniment operattiv għar-rata ta' kambju għandha tkun l-ewwel operazjoni li:

— tiggarantixxi l-użu xieraq tal-prodotti in kwistjoni u li tirrikjedi l-għotja ta' l-għajnuna,

u

— isseħħ fid-data ta' meta l-prodotti jittieħdu mill-operatur konċernat jew wara, u fejn xieraq, qabel id-data ta' l-użu speċifiku.

3. Fir-rigward ta' għajnuna għal ħżin privat l-avveniment operattiv għar-rata ta' kambju għandu jkun l-ewwel jum meta l-għajnuna li għandha x'taqsam ma kuntratt partikolari tingħata.

Artikolu 4

1. Minkejja l-paragrafu 2, f' każ ta' għajnuna għal kull ettaru l-avveniment operattiv għar-rata ta' kambju għandu jkun il-bidu tas-sena ta' *marketing* li għaliha tkun ingħatat l-għajnuna.

2. Fil-każ ta' ammonti ta' karattru strutturali jew ambjentali, b'mod partikolari dawk mgħotija skond skemi ta' protezzjoni ambjentali, irtirar bikri jew tisġir, l-avveniment operattiv għar-rata ta' kambju għandu jkun l-1 ta' Jannar tas-sena meta tkun ittieħdet id-deċiżjoni biex tingħata l-għajnuna.

Madanakollu, f'każijiet fejn, skond regoli Komunitarji, il-ħlas ta' l-ammonti msemmijin fl-ewwel subparagrafu huwa mqassam fuq bosta snin, il-ħlas bin-nifs annwali għandu jiġi konvertit permezz tar-rata ta' kambju applikabbli fl-l ta' Jannar tas-sena meta il-ħlas bin-nifs partikolari jkun qiegħed isir.

Artikolu 5

1. Fir-rigward ta' spejjeż ta' trasport, proċessar, jew mingħajr preġudizzju għal l-Artikolu 3(3), ħżin u għal amonti allokati għal studju u miżuri promozzjonali, stabbiliti skond proċedura ta' offerti ta' xogħol, l-avveniment operattiv għar-rata ta' kambju għandu jkun l-aħħar ġurnata għat-tfigħ ta' offerti.

2. Fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' prezzijiet, ammonti jew offerti fuq is-suq, l-avveniment operattiv għar-rata ta' kambju għandu jkun il-jum li għalih jiġi reġistrat il-prezz, l-ammont jew l-offerta.

3. Fir-rigward ta' avvanzi:

(a) l-avveniment operattiv għar-rata ta' kambju għandu jkun:

— l-avveniment applikabbli għall-prezz jew ammont ta' l-avvanz, fejn dan l-avveniment ikun seħħ saż-żmien meta l-avvanz ikun tħallas,

jew

— f'każijiet oħrajn, id-data meta l-avvanz jiġi iffissat f'ewro, jew, fin-nuqqas ta' dan, id-data meta jsir il-ħlas ta' l-avvanz;

(b) l-avveniment operattiv għar- rata ta' kambju għandu jiġi applikat mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-prezz jew ammont partikolari kollu ta' l-avveniment operattiv stabbilit għal dak il-prezz jew ammont.

4. L-avveniment operattiv għar-rata ta' kambju ta' sikurtajiet għandu jkun, għal kull operazzjoni separata:

— fir-rigward ta' avvanzi, dak definit għall-ammont ta' l-avvanz, meta dan l-avveniment ikun seħħ saż-żmien ta' meta is-sigurtà tkun tħallset,

— fir-rigward tas-sottomissjoni ta' offerti, il-ġurnata meta tkun ġiet sottomessa l-offerta,

— fir-rigward ta' l-eżekuzzjoni ta' offerti, id-data ta' għeluq ta' l-istedina għall-offerti,

— f'każijiet oħrajn, id-data meta is-sigurtà effettiva.

TITOLU II

Kumpens għal rivalwazzjonijiet apprezzabbli

Artikolu 6

1. Dan it-Titolu jippreskrivi ir-regoli dettaljati għall-għotja ta' għajnuna kumpensatorja msemmija f' l-Artikolu 4 tar- Regolament (KE) Nru 2799/98.

2. L-ammonti massimi ta' għajnuna kumpensatorja għandhom jiġu stabbiliti skond l-Artikolu 4(2) tar- Regolament (KE) Nru 2799/98.

Artikolu 7

1. Mingħajr preġudizzju għal l-Artikolu 9:

(a) L-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna kumpensatorja biss permezz ta' pagamenti lil benefiċjarji u mingħajr kundizzjonijiet dwar l-użu tagħha;

u

(b) għajnuna kumpensatorja tista' tingħata biss lill-fondi agrikoli, u d-definizzjoni ta' fond agrikolu għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru konċernat fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi.

2. Il-livell massimu tal-għajnuna għandu jinqaleb fil-munita nazzjonali permezz tar- rata ta' kambju medja għas-sena meta tkun seħħet ir-rivalwazzjoni apprezzabbli.

Artikolu 8

1. L- ammont ta' għajnuna kupensatorja mogħtija lill-benefiċjarju għandu jkun relatat mad-daqs tal-fond waqt perjodu li għandu jiġi stipulat f'kull każ, skond il-kriterji li jinsabu fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(1) tar- Regolament (KE) Nru 2799/98.

Waqt li jkun qiegħed jiġi stabbilit id-daqs tal-fond, għandhom jiġu kunsidrati biss it-tipi ta' produzzjoni msemmija fil-punt (1)(a) ta' l-Anness ta' l-imsemmi Regolament.

L- Istati Membri jistgħu jistabbilixxu d-daqs minimu tal-fond biss sa fejn huwa meħtieġ sabiex tiġi faċilitata l-amministrazzjoni ta' l-għajnuna kumpensatorja.

2. Fil-każijiet kollha, l-għajnuna kumpensatorja trid tkun kompatibbli ma' l-obbligi internazzjonali tal-Komunità.

Artikolu 9

1. Meta l-ammont ta' għajnuna kumpensatorja li għandu jingħata għal kull ħlas bin-nifs annwali, diviż bin-numru stmat ta' fondi agrikoli konċernati, jammonta għall-inqas minn 400 EUR, dak l-ammont jista' jingħata għall-miżuri li jikkonċernaw is-settur agrikolu:

— li huma kollettivi u ta' interess ġenerali,

jew

— fir-rigward ta' liema d-disposizzjonijiet Komunitarji jippermettu lill-Istati Membri li jagħtu għajnuna nazzjonali, sakemm l-intensitajiet taħt il-politika ta' għajnuna ta' l-Istat jiġu rispettati.

2. Sabiex ikunu eliġibbli għall-finanzjament Komunitarju l-misuri għandhom ikunu addizzjonali, jew min-natura tagħhom jew fir-rigward ta' intensità ta' l-għajnuna, għal dawk li l-Istat Membru kien japplika fin-nuqqas ta' l-għajnuna, u m'għandhomx jibbenefikaw minn finanzjament Komunitarju ieħor.

TITOLU III

Kumpens għal tnaqqis fir-rati ta' kambju applikat għal għajnuna diretta

Artikolu 10

1. Dan it-Titolu jippreskrivi r-regoli dettaljati dwar l-għoti ta' l-għajnuna kumpensatorja msemmija f' l-Artikolu 5 tar- Regolament (KE) Nru 2799/98.

2. L-ammonti massimi ta' għajnuna kumpensatorja għandu jiġi stabbilit skond l-Artikolu 5(2) ta' Regolament (KE) Nru 2799/98.

Jekk, għall-ammonti msemmija fil-paragrafu 3 ta' l-Artikolu preżenti, ammont iffissat fil-munita nazzjonali huwa iktar baxx mill-limitu, tnaqqis tal-limitu li ma jaffettwax l-ammont iffissat m'għandux jitqies bħala tnaqqis.

3. Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2799/98, ammonti ta' karattru strutturali jew ambjentali li m'humiex:

— għajnuna b'rata fissa kkalkulata għal kull ettaru jew kull ras ta' bhejjem,

jew

— *premium* kumpensatorju għal kull nagħġa jew mogħża,

għandhom ikun dawk iffinanzjati mis-Sezzjoni ta' Gwida ta' l-FAEGG jew l-Istrument Finanzjarju għal Gwida tas-Sajd (FIFG), dawk imsemmija fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1992/93 ([1]) jew dawk iffissati fir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 2078/92 ([2]), (KEE) Nru 2079/92 ([3]) jew (KEE) Nru 2080/92 ([4]).

4. L-għajnuna kumpensatorja għandha tingħata għall-perjodu ta' 12-il xahar ta' qabel l-applikazzjoni rispettiva tar-rata ta' kambju mnaqqsa.

5. L- Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna kumpensatorja biss permezz ta' pagamenti addizzjonali lill-benefiċjarji ta' l-għajnuna kif imsemmija f' l-Artikolu 5 tar- Regolament (KE) Nru 2799/98. Huma ma jistgħux jimponu kundizzjonijiet dwar l-użu ta' dawn il-pagamenti.

6. Il-livell massimu ta' għajnuna għandu jinqaleb permezz tar-rata ta' kambju li wassal għal dak l-ammont.

TITOLU IV

Disposizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 11

1. L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni biex tingħata għajnuna kumpensatorja kif imsemmija fit-Titoli II u III għandha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni mill-Istat Membru konċernat qabel it-tmiem tat-tielet xahar qabel dak meta r-rivalwazzjoni apprezzabbli jew it-tnaqqis konċernat ikun seħħ. L-applikazzjoni trid tinkludi informazzjoni biżżejjed sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tikkontrolla l-kompatibiltà tal-miżura mar-regoli kif imsemmi fil-paragrafu 2.

2. Skond il-proċedura li tinsab f' l-Artikolu 93(3) tat-Trattat u skond dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tikkontrolla l-kompatibilità ta' l-applikazzjonijiet għall-għajnuna mar-regoli fis-seħħ li jirrigwardaw kumpens għal rivalwazzjonijiet apprezzabbli u għal tnaqqis.

3. L-ammont totali ta' għajnuna kumpensatorja mogħtija trid tkun proporzjonata mat-telf li jaffetwa kull settur fl-Istat Membru konċernat. Il-mod kif titqassam l-għajnuna f'settur partikolari m'għandux ibiddel il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni sal-punt li huwa detrimentali għall-interess komuni.

4. Il-Kummissjoni tista' tieħu sa xahrejn mid-data ta' meta tirċievi l-applikazzjoni sħiħa msemmija fil-paragrafu 1 biex tapprova l-għajnuna kumpensatorja. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx ħarġet opinjoni sa dak il-perjodu, l-miżuri pjanati jistgħu jiġu implimentati sakemm l-Istat Membru jagħti lill-Kummissjoni notifika bil-quddiem ta' l-intenzjoni tiegħu.

5. Kull Stat Membru li għandu l-intenzjoni li jagħti għajnuna kumpensatorja jrid jadotta il-miżuri nazzjonali neċessarji fi żmien tlett xhur mid-data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni jew tan-notifika bil-quddiem mill-Istat Membru kif msemmi fil-paragrafu 4.

Artikolu 12

1. Il-ħlas lill-istess benefiċjarju ta' ammont ta' l-istess pagament ta' għajnuna kumpensatorja ma jistax isir waqt l-istess sena tal-estmi bħala ħlas ta' l-ammont relattiv ta' pagament ieħor.

2. Il-ħlas ta' l-ammont ta' l-ewwel pagament ta' għajnuna kumpensatorja kif imsemmi:

— fit-Titolu II għandu jsir fi żmien sena wara d-data tar-rivalwazzjoni apprezzabbli li ħolqot il-jedd għall-għajnuna konċernata,

— fit-Titolu III għandu jsir fi żmien perjodu li jibda fid-data ta' l-avveniment operattiv u li jintemm:

  — 18-il xahar wara fil-każ ta' reċipjenti ta' premium dwar il-baqar,

  — 12-il xahar wara fil-każ ta' dawk li jirċievu ammonti ta' karattru strutturali jew ambjentali, jew

  — disgħa xhur wara fil-każ ta' dawk li jirċievu għajnuna diretta oħra kif imsemmija f' l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 2799/98.

3. It-termini ta' żmien msemmija f' l-Artikolu 11(1) u (5) u fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu emendati mill-Kummissjoni fuq talba ġustifikata ta' l-Istati Membri.

4. Il-Kummissjoni għandha xahrejn biex tapprova l-miżuri msemmija f' l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2799/98 id-data ta' meta tirċievi il-miżuri previsti minn Stat Membru li ma jipparteċipax. Jekk il-Kummissjoni tonqos milli toħroġ opinjoni f'dak iż-żmien il-miżuri jistgħu jiġu implimentati sakemm il-Kummissjoni tkun ġiet notifikata minn qabel mill-Istat Membru.

Artikolu 13

Kull sena l-Istat Membru konċernat irid jissottometti lill-Kummissjoni rapport dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna kumpensatorja, u li jagħti dettalji ta' l-ammonti mħallsin. L-ewwel minn dawn ir-rapporti għandhom jiġu sottomessi mhux iktar tard minn 18-il xahar wara d-deċiżjoni jew notifikazzjoni mill-Istat Membru msemmija f' l-Artikolu 11(4).

([1]) ĠU L 182, ta' l-24.7.1993, p. 12.
([2]) ĠU L 215, tat-30.7.1992, p. 85.
([3]) ĠU L 215, tat-30.7.1992, p. 91.
([4]) ĠU L 215, tat-30.7.1992, p. 96.

Artikolu 14

Ammonti kwotati f'offerti sottomessi bħala risposta għal stedina għall-offerti organizzata skond strument li jifforma parti mill-politika agrikola komuni għandhom, bl-eċċezzjoni ta' ammonti fejn il-kontribuzjoni tal-Komunità tkun finanzjati mis-Sezzjoni ta' Gwida ta' l-FAEGG, jiġu espressi f' Ewro.

Artikolu 15

1. Il-perċentwali ta' apprezzabilità ta' rivalwazzjoni apprezzabbli u t-tnaqqis fir-rata ta' kambju għandu jiġi espress sa tlett punti deċimali, u t-tielet deċimali għandu jiżdied jew jitnaqqas. Ir-rata ta' kambju annwali medja għandha tiġi stabbilita sa sitt figuri sinifikanti, u s-sitt figura għandha tiżdied jew titnaqqas.

2. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament 'figuri sinifikanti' tfisser:

— il-figuri kollha, fil-każ ta' numru li l-valur assolut tiegħu jkun ikbar jew ugwali għal 1,

jew

— il-postijiet deċimali kollha li jibdew mill-ewwel wieħed li m'huwiex żero, f'każijiet oħrajn.

It-żiediet jew tnaqqis msemmi f'dan l-Artikolu għandu jsir billi l-figura konċernata tiżdied *b'unit* wieħed f'każijiet fejn il-figura ta' wara tkun iktar minn jew daqs 5 u billi titħalla kif inhi f'każijiet oħrajn.

Artikolu 16

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 1068/93 u (KE) Nru 805/97 huma mħassrin

Artikolu 17

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ jum wara li jiġi pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Jibda japplika mill-1 ta' Jannar 1999.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni